**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 316/2022/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Walid Ben Muftah**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra l-appellant **Walid Ben Muftah**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 117659(A), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-22 ta' Frar 2021 għal ħabta ta' 17:20hrs, ġewwa ċella 31, diviżjoni 13, fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, Paola:

1. volontarjament ħassar jew għamel ħsara ġewwa ċella 21 diviżjoni 13, fil-Faċilita' Korretiva ta' Kordin għad-dannu tal-Gvern ta' Malta liema ħsarat ma tiskorriex l-elfejn u ħames

mitt Euro (€2,500) iżda hi iżjed minn mitejn u ħamsin Euro (€250) *ai termini* ta' Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika Artikolu 33A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Ġunju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 33A u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu piena ta' għaxar (10) xhur ħabs.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-1 ta' Lulju 2022 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datata għoxrin (20) ta' Ġunju elfejn u tnejn u għoxrin (2022) b'tali mod illi jiġi ddikjarat illi l-esponenti diġa' ingħata kastig kriminali għal din l-offiża kriminali illi tressaq fuqha quddiem il-Qrati Maltin u għaldaqstant għandu jiġi applikat il-prinċipju tad-double jeopardy jew hekk ukoll imsejjaħ ne bis in idem."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi mir-rapport (*a fol.* 3 *et seq.*) li hemm fl-atti proċesswali jirriżulta li fit-22 ta' Frar 2021 l-awtoritajiet tal-ħabs kellhom bżonn assistenza mill-Pulizija tad-distrett minħabba li kien hemm ħruq f'ċella liema ħruq eventwalment ġie mitfi. Jidher li ċ-ċella in kwistjoni kienet dik okkupata mill-appellant.

Illi mill-verbal tas-seduta miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti fl-20 ta' Ġunju 2022 (*a fol.* 8) jirriżulta li l-appellant debitament assistit irreġistra ammissjoni in segwitu ta' liema l-Ewwel Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u hu ngħata żmien jikkonsulta mal-avukat difensur tiegħu u wara li sar dan huwa kkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu. Fis-seduta msemmija, il-konsulent legali tad-Direttur tal-Ħabs irrinunzja għall-kwerela li kien għamel u għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-appellant sa fejn din l-azzjoni kienet rinunzjabbli.

Illi għalkemm ma hemm l-ebda prova fl-atti proċesswali jidher li minħabba l-aġir tiegħu l-appellant ġie sottopost għal proċeduri dixxiplinarji ġewwa l-ħabs. Dawn il-proċeduri jidher li wasslu li l-appellant fost l-oħrajn jilef xi *remission* (*a fol.* 9) li kien akkumula. F'paragrafu bin-numru tlieta (3) hekk kif kontenut fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jgħid li huwa tilef għaxart (10) ijiem *remission*, ħallas id-danni kollha li saru fiċ-ċella liema danni jammontaw għal disa' mija u ħamsa u tletin Euro u tlettax il-ċenteżmu (€935.13) u ntbagħat tliet xhur u nofs f'diviżjoni sitta (6) fejn kien magħluq għal tlieta u għoxrin (23) siegħa kuljum u b'hekk jisħaq li ġie applikat dak imsejjaħ reklużjoni.

Illi għal kull buon fini għandu jingħad li quddiem l-Ewwel Qorti ma ġewx ippreżentati d-dokumenti relatati mal-proċess dixxiplinarju tal-Bord ta' Dixxiplina ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Minkejja dan, minħabba li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwarhom din il-Qorti ser tgħaddihom bħala korretti b'dan illi din il-Qorti tinnota li l-aggravju ta' *ne bis in idem* lanqas tqajjem quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi l-appellant isejjes l-appell tiegħu fuq dawn il-punti:

- tnaqqis mir-*remission*;
- reklużjoni;
- ħlas tad-danni taċ-ċella;
- ammissjoni

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tikkunsidra t-tnaqqis mir-*remission* u r-reklużjoni flimkien. L-appellant jilmenta li l-proċeduri ta' dixxiplina li huwa għadda minnhom fil-fatt kienu proċeduri ta' natura kriminali. Jilmenta li meta l-piena li tista' tingħata bħala riżultat tal-proċedura ta' dixxiplina tkun waħda severa fejn il-kastig ikun dak ta' ħabs, allura tali proċedura tkun waħda kriminali. Jargumenta li in vista tal-fatt li hu tilef ir-*remission* tiegħu bħala konsegwenza tal-proċeduri ta' dixxiplina li tali kastig huwa ta' natura kriminali.

Illi l-appellant jilmenta wkoll li huwa ntbagħat ġo ċella ta' reklużjoni fejn baqa' għal tliet xhur u nofs. Jisħaq li dan it-terminu huwa itwal miż-żmien permess taħt il-Leġislazzjoni Sussidjarja 260.03 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-prinċipju tan-*ne bis in idem* huwa regolat taħt il-liġi Maltija permezz kemm tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

Illi Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

> "Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra".

Illi Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali jipprovdi:

> *"No one shall be liable to be tried or punished again in criminal proceedings under the jurisdiction of the same State for an offence for which he has already been finally acquitted or convicted in accordance with the law and penal procedure of that State."*

Illi Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid hekk:

> "Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat: [...]."

Illi Artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta aktar 'il fuq ikkwotat jippostula żewġ elementi importanti u ċioè fl-ewwel lok irid ikun hemm sentenza fejn l-individwu jiġi lliberat mill-akkużi u fit-tieni lok illi l-persuna ma tiġix sottoposta għal proċeduri ġodda dwar l-istess fatt u mhux l-istess reat, kuntrarjament għall-jedd imħares mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea li jitkellmu dwar "ir-reat". Dan magħdud allura huwa indubitat illi l-prinċipju ta' *ne bis in idem* huwa applikabbli biss meta l-ġudikabbli jkun ġie ipproċessat dwar l-istess fatti jew l-istess reati quddiem Qorti tal-Ġustizzja, kif ingħad.

Illi fid-deċizjoni **Sua Maesta' il-Re versus Agata Mifsud e Carmelo Galea** mogħtija fil-15 ta' Ġunju 1918 intqal li:

> *"un criterio pratico non meno che ragionale per determinare se ad un dato caso si applichi la regola "non bis in idem" e' quello appunto affermato dalla giurisprudenza ed accolto dalla dottrina giuridica in Inghilterra. "The true test by which the*

> *question whether such a plea (i.e. Autrefoit acquit) is a sufficient bar in any particular case may be tried, is whether the evidence to support the second indictment would have been sufficient to prove a legal conviction upon the first."*[1]

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet **Fl-atti tar-Riferenza tad-19 ta' Mejju 2008 fl-atti tal-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin** (Numru 29/2008) fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) għamlet analiżi tajba tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* kif jinsab imħaddan fil-liġi tagħna kemm penali kif ukoll kostituzzjonali. F'din is-sentenza, il-Qorti qalet is-segwenti:

> "Illi huwa wkoll stabilit[2] li l-prinċipju tan-*ne bis in idem* imħares fl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jimplika li persuna li tkun għaddiet minn proċess dwar reat, m'għandha qatt terġa' tgħaddi minn proċess ieħor dwar tali reat jew dwar reati oħra li setgħet tinstab ħatja dwarhom fl-ewwel proċess.
>
> [...]
>
> Illi [...] dana is-subartikolu fil-Kostituzzjoni jagħti ħarsien usa lill-persuna mixlija minn dak mogħti mill-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali, sewwa sew għaliex jgħolli l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* għall-livell ta' garanzija kostituzzjonali bil-konsegwenza li persuna li jkollha dan il-jedd mhedded jew attwalment miksur quddiem qorti kriminali għandha l-jedd tirrikorri għall-protezzjoni quddiem qorti ta' xejra kostituzzjonali. [...]
>
> Illi meta wieħed jitkellem dwar l-eċċezzjoni tan-*ne bis in idem* fil-qasam tad-dritt penali taħt l-ordinament ġuridiku taghna, wieħed iqies li jeħtieg jintwera li l-

[1] **Il-Pulizija vs. Nicolai (Nicolai Christian) Magrin**, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), 17 ta' Marzu 2008 (Numru 378/2007).
[2] Kost. **4.8.1999** fil-kawża fl-ismijiet **Fenech vs. Avukat Ġenerali** (Kollez. Vol: LXXXIII.i.213).

> persuna li tkun tqiegħdet taħt akkuża oħra trid tkun l-istess waħda li kienet tqiegħdet taħt l-ewwel proċedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt. [...]
>
> Illi fil-qasam tad-dritt penali jidher li huwa prinċipju aċċettat li, bi tħaddim tar-regola *ne bis in idem*: *"The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act"*[3].
>
> Illi din il-Qorti tifhem li jekk kemm-il darba t-tifsira mogħtija lill-Artikolu 527 tal-Kodiċi Kriminali hija b'mod tali li iżżomm milli persuna terġa' titressaq mixlija dwar fatt li dwaru kienet diġa' tressqet taħt proċedura li ntemmet b'sentenza li saret ġudikat, wieħed jistenna li t-tħaddim tar-regola miġjuba fl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni għandu jkun jgħodd iżjed biex iħares dak il-jedd. Fi kliem ieħor, il-garanziji kostituzzjonali ma jistgħux ikunu applikati b'xeħħa jew b'anqas qawwa meta mqabblin mal-garanziji li tagħti l-liġi ordinarja kif tinsab fil-Kodiċi Kriminali."

Illi kif ingħad aktar 'il fuq l-appellant jilmenta mill-fatt li huwa diġa' ħallas għall-aġir tiegħu billi tilef għaxart (10) ijiem *remission* u billi tpoġġa tliet xhur u nofs reklużjoni.

Illi minkejja li l-appellant jilmenta li ż-żmien li qatta' fir-reklużjoni kien itwal minn dak permess permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 260.03 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti ma taqbilx ma' l-argument imressaq mill-appellant li t-terminu ta' reklużjoni kienet piena kriminali u mhux piena ta' dixxiplina. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għal "Guide on Article 4 of Protocol No. 7 to the European Convention on Human Rights – Right not to be tried or

---

[3] App. Krim. Inf. **15.11.1941** fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Baldacchino vs. Giuseppe Buhagiar*** (kif imsemmija fil-ktieb "Recent Criminal Cases Annotated" tal-Prof. W. Harding).

punished twice" aġġornat fil-31 ta' Awwissu 2022 fejn issir riferenza għas-segwenti:

> "19. In *Toth v. Croatia* (dec.), §§ 26-39, the applicant, while serving a prison term, was found guilty of verbally insulting prison guards and was punished with twenty-one days of solitary confinement. Subsequently, criminal proceedings were instituted against him and he was found guilty on two counts of making threats in connection with the same events. The Court found that the first procedure was not criminal in nature, noting that the offences were classified as disciplinary in national law, that, even though the nature of the charges was not purely disciplinary, the solitary confinement did not extend the applicant's prison term and thus did not amount to an additional deprivation of liberty, but only to aggravation of the conditions of his detention."[emfażi miżjuda]

Illi tenut kont ta' dak li ġie kkwotat hawn fuq u tenut kont tal-fatt li ż-żmien ta' reklużjoni li għamel l-appellant għandu jitqies ta' natura dixxiplinarja biss u tenut kont li z-żmien ta' reklużjoni ma kellux impatt fuq it-terminu ta' priġunerija, l-aggravju tal-appellant dwar ir-reklużjoni qed jiġi miċħud.

Illi dwar jekk it-terminu ta' *remission* li tilef l-appellant għandux jitqies bħal piena kriminali, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-10 ta' Jannar 2005 **Fl-atti tar-Riferenza tat-30 ta' Mejju 2003 fl-atti tal-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Anthony Zammit et** (Numru 16/2003/1), fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> "Jiġi preċiżat għal kull buon fini li priġunier li qed iservi sentenza ta' priġunerija għal għomru la jista' jikseb *remission* (Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar il-Habs) u għalhekk anqas jista' jitlef tali *remission*, bil-konsegwenza li l-paragrafu (g) tar-Regolament 78(1) ma jistax ikun applikabbli għalih. Il-Qorti tippreċiża wkoll li

> għal dak li jirrigwarda l-akkuża taħt il-paragrafu (j) tar-regolament 75 – u ċioè li wieħed *"jieħu, mingħajr awtorita' jew raġuni leġittima, xi oġġett li jkun jappartjeni lil persuna oħra jew lill-ħabs"* – dan jista' jġib biss massimu ta' *loss of remission* ta' mija u għoxrin jum ossia erba' xhur; din il-Qorti hi tal-fehma li tali piena ossia waħda li tista' tissarraf f'żieda ta' biss erba' xhur aktar ta' priġunerija effettiva, tista' titqies bħala waħda dixxiplinari, u għalhekk il-fatt li Zammit, Woods u Ahmed Esawi ġew liberati minn dik l-akkuża ifisser li huma ġew liberati minn akkuża dixxiplinari u mhux minn waħda li hija fir-realta' ta' natura kriminali." [emfażi miżjuda]

Illi l-fatt li fil-każ odjern jingħad li l-appellant tilef għaxart (10) ijiem *remission* u li b'applikazzjoni ta' dak li ġie kkwotat hawn fuq dan it-terminu jista' jitqies bħala terminu ta' dixxiplina minflok piena kriminali, b'hekk anke l-aggravju tal-appellant dwar ir-*remission* qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-ħlas tad-danni taċ-ċella u l-ammissjoni, din il-Qorti tinnota li l-appellant jispjega li huwa kważi ħallas il-ħsara kollha. Jilmenta wkoll li huwa għamel dak li għamel minħabba li ried jagħmel suwiċidju għalhekk il-*mens rea* kienet nieqsa. Jgħid li kieku dakinhar tal-akkadut ingħata aċċess għal avukat huwa kien ikun f'pożizzjoni li jinforma lill-Pulizija bir-raġunijiet tal-azzjoni tiegħu.

Illi dwar il-kwistjoni tal-ħsara kif jgħid l-istess appellant, din hija kwistjoni ta' natura ċivili u għalhekk ma hemmx lok li din il-Qorti tagħmel aktar konsiderazzjonijiet dwarha.

Illi dwar l-ammissjoni tal-appellant, din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li jgħid l-appellant li kieku ngħata aċċess għal avukat huwa kien jagħti stqarrija differenti. Din il-Qorti tinnota li l-appellant ammetta quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2022 meta kien assistit minn avukat u wara li l-Ewwel Qorti nfurmatu

dwar il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu u hu ngħata żmien jikkonsulta mal-avukat difensur tiegħu, huwa kkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu. B'hekk isegwi li anke l-aggravju tal-appellant dwar l-ammissjoni tiegħu qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Walid Ben Muftah u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**